MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 695/2011

Shirley **Ann Micallef f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' wliedha minuri Maximillian Micallef, Zachariah Micallef u Jon Micallef u b'nota tas-7 ta' Frar 2012 Maximillian Micallef assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprju peress li sar maggorenni**

**Vs**

**Anthony Taliana u Middlesea Insurance plc**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu hlas ta' danni li jallegaw li sofrew meta fit-30 ta' Lulju 2009 sehh incident tat-traffiku li fih James Clifford Micallef safa' mtajjar minn fuq rota mill-vettura NIN 004 misjua mill-konvenut Taliana, u kkaguna l-mewt tieghu. L-atturi jsostnu li ghal dan l-incident kien responsabbli l-konvenut Taliana. Qeghdin jitolbu wkoll dikjarazzjoni li l-kumpannija konvenuta hi solidalment responsabbli flimkien mal-konvenut l-iehor, ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din is-sentenza hi dwar:-

1. **L-ewwel eccezzjoni ta' Taliana** – *"Illi preliminarjament jista' jkun hemm kwistjoni ta' nuqqas ta' integrita' ta' gudizzju fis-sens illi gie stabbilit illi hemm kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja dwar allegata paternita' fil-konfront tad-decujus James Clifford Micallef u dan jista' jkun hemm interess proprjetarju u ghalhekk din il-kwistjoni ghandha tigi nvestigata mill-Qorti ghaliex tista' tolqot mhux biss locus standi izda wkoll kwota ereditarja."* (fol. 63).

2. **L-ewwel eccezzjoni ta' Middlesea Insurance plc (Middlesea)** – *"Illi in linea preliminari, l-azzjoni rikorrenti fil-konfront tas-socjeta assikuratrici esponenti, evidentement ibbazata fuq l-artiklu 9A tal-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta) hija innammissibbli, stante li l-jedd tar-rikorrenti li jagixxu kontra s-socjeta assikuratrici esponenti bhala l-assikuratrici tal-vettura involuta ossija l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NIN 004 kellha ssir ad eskluzjoni tal-persuna, ossija l-intimat l-iehor, Anthony Taliana, li allegatament ikkawza d-danni li r-rikorrenti qeghdin jitolbu, u ghalhekk ladarba l-istess Anthony Taliana gie mharrek fil-kawza odjerna, is-socjeta assikuratrici esponenti giet imharrka ghalxejn u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."* (fol. 41).

Il-qorti rat l-atti.

**Eccezzjoni ta' Taliana**.

1. Jirrizulta li James Clifford Micallef kellu relazzjoni ma' certu Sarah Ann Darmenia, u fil-15 ta' Dicembru 2004 twieldet tarbija li nghatat l-isem ta' Ella. B'sentenza li nghatat mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja fis-27 ta' Gunju 2013 fil-kawza **Sarah Ann Darmenia nomine vs Shirley Micallef et** (318/09), il-minuri giet dikjarata li hi bint James Clifford Micallef.

2. 'Il fatt li l-minuri Ella hi bint James Clifford Micallef, ma jfissirx li hi werrieta tieghu. Skond ma jinghad fis-sentenza ta' paternita', il-werrieta ta' James

Clifford Micallef huma wliedu miz-zwieg. L-atturi pprezentaw ukoll l-atti tar-rikors prezentat fl-20 ta' Lulju 2001 fil-qorti volontarja, li bih l-attrici talbet lill-qorti biex tawtorizzaha taccetta ghan-nom ta' wliedha l-wirt ta' zewgha. B'digriet moghti fil-21 ta' Lulju 2010 (fol. 121-123), it-talba giet milqugha. Sussegwentement b'nota prezentata fit-23 ta' Lulju 2010 (fol. 124) l-attrici ddikjarat li f'isem uliedha Maximillian, Zachariah u Jon ahwa Micallef qeghda taccetta l-wirt ta' James Clifford Micallef. Sahansitra, mir-ricerki testamentarji (fol. 115 u 118) jirrizulta li James Clifford Micallef kien ghamel testment fid-9 ta' Frar 1993 u minn fejn jirrizulta li l-werrieta tieghu huma t-tfal li twieldu fiz-zwieg, cjoe' l-atturi (fol. 119).

3. Dan ifisser li l-gudizzju hu integru u l-minuri m'hijiex werrieta ta' missierha.

**<u>Eccezzjoni ta' Middlesea</u>**.

1. Fid-data tal-incident il-vettura NIN 004 kienet assigurata ma' Middlesea. Jinghad li l-konvenut Taliana ma kienx assigurat taht il-polza ta' assikurazzjoni (ara deposizzjoni ta' Kenneth Camilleri a fol. 163A).

2. Skond l-Artikolu 9A tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjnoi ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni:

   *"Parti offiza residenti f'Malta…. u li jkollha jedd ghal kumpens dwar kull telf jew feriment li jirrizulta minn accident kagunat bl-uzu ta' vettura bil-mutur li tkun assigurata minn assiguratur awtorizzat u normalment bazata f'Malta….., **<u>ikollha jedd dirett ghal azzjoni</u>** kontra l-assiguratur awtorizzat f'Malta, jekk:*

   *(a) l-accident ikun gara f'Malta jew fi Stat imsemmi….."*.

3. Il-qorti tasal biex taqbel mal-konvenuta li l-ghan wara l-Artikolu 9A tal-Kap. 104 kien sabiex id-danneggat ikollu l-opportunita' li jharrek direttament lill-kumpannija assiguratrici minghajr il-htiega li jharrek lill-persuna li tkun responsabbli ghall-incident. Skond id-Direttiva 2009/103 tal-Unjoni Ewropea (*Motor Insurance Directive*[1]):

[1] F'paragrafu 1 tad-Direttiva, jinghad: *"Council Directive 72/166/EEC of 24 April 1972 on the approximation of the laws of Member States relating to insurance against civil liability in respect of the use of motor vehicles, and to the enforcement of the obligation to insure against such liability, Second Council Directive 84/5/EEC of 30 December 1983 on the approximation of the laws of the Member States relating to insurance against civil liability in respect of the use of motor vehicles, Third Council Directive 90/232/EEC of 14 May 1990 on the approximation of the laws of the Member States relating to insurance against civil liability in respect of the use of motor vehicles and Directive 2000/26/EC of the European Parliament and of the Council of 16 May 2000 on the approximation of the laws of the Member States relating to insurance against civil liability in respect of the use of motor vehicles (Fourth motor insurance Directive) have been substantially amended several times. In the*

*"The right to invoke the insurance contract and to claim against the insurance undertaking directly is of great importance for the protection of victims of motor vehicle accidents.* ***In order to facilitate an efficient and speedy settlement of claims and to avoid as far as possible costly legal proceedings, a right of direct action against the insurance undertaking covering the person responsible against civil liability should be provided for victims of any motor vehicle accident.****"* (enfazi mizjuda, paragrafu 30 tal-parti preliminari).

Jidher li dan il-jedd ta' azzjoni kien l-iktar intiz ghall-kazijiet ta' *cross-border traffic accidents* fl-Unjoni Ewropea. Interessanti kif il-Qorti Ewropea rrikonoxxiet li l-vittma jista' sahanistra jirrkorri ghad-*direct action* kontra l-assiguratur, fl-Istat fejn jirrisjedi diment li l-assiguratur hu domiciljat fi Stat Membru (ara **FBTO Schadeversekeringen NV v Jack Odenbreit**, Kaz 463/06 tat-13 ta' Dicembru 2007).

Fil-fehma tal-qorti 'l fatt li l-atturi harrku tnejn min-nies, wassal ghal dewmien bla bzonn. Bizzejjed jinghad li l-kawza giet prezentata fl-20 ta' Lulju 2011 u kwazi tlett snin wara ghadhna fuq eccezzjonijiet preliminari.

Mill-provi ma rrizultax li l-kumpannija assiguratrici kienet qeghda tikkontesta r-responsabbilta' li thallas fl-eventwalita' li l-qorti tiddeciedi li Taliana huwa responsabbli ghall-incident. Fil-fatt f'paragrafu erbgha (4) tad-dikjarazzjoni ta' Middlesea (fo. 42) jinghad li: *"…. Tistqarr illi hija tista' taghmel tajjeb ghal danni li r-rikorrenti qeghdin jghidu li sofrew, jekk l-intimat Anthony Taliana jinstab responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni."* (ara wkoll paragrafi 2.12 u 2.13 tan-nota ta' sottomissjonijiet ta' Middlesea). Ukoll li kieku Middlesea ma haditx posizzjoni, l-Artikolu 12(3) tal-Kap. 104 jaghmilha cara li trid taghmel tajjeb ghad-danni fl-eventwalita' li Taliana jigi dikjarat responsabbli ghall-incident tat-traffiku.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi qalu li 'l fatt li harrku lil Taliana u Middlesea hu mezz kif jassiguraw li *"…jkollhom titolu ezekuttiv kontra z-zewg konvenuti."*. Ragunament li fil-fehma tal-qorti m'huwiex b'sahhtu meta tqies li kieku harrku lil Taliana biss u l-kawza tinqata' favur taghhom, xorta jkollhom titolu esekuttiv kontra Middlesea billi jsegwu l-procedura semplici kontemplata fl-Artikolu 10 tal-Kap. 104 li twassal biex is-sentenza tkun tista' tigi ezegwita fil-konfront tal-assiguratur koncernat.

4. Il-qorti taqbel mal-attrici li ma kienx hemm bzonn li l-atturi jharrku lil Taliana u Middlesea. Izda hekk ghazlu li jaghmlu. Madankollu ma taqbilx li 'l fatt li gie mharrek Taliana allura l-azzjoni kontra Middlesea hi inammissibbli, kif

*interests of clarity and rationality those four Directives should be codified, as well as Directive 2005/14/EC of the European Parliament and of the Council of 11 May 2005 amending Council Directives 72/166/EEC, 84/5/EEC, 88/357/EEC and 90/232/EEC and Directive 2000/26/EC of the European Parliament and of the Council relating to insurance against civil liability in respect of the use of motor vehicles."*.

Middlesea qeghda ssostni fl-eccezzjoni. Fl-Artikolu 9 tal-Kap. 104 m'hemmx x'jindika li jekk wiehed iharrek lill-persuna li kienet qeghda ssuq il-vettura, allura d-danneggat ma jistax jipproponi kawza kontra l-kumpannija assiguratrici. Id-decizjoni tal-atturi li jharrku lil Taliana u Middlesea jista' jkollha konsegwenza biss fir-rigward tal-kap tal-ispejjez meta l-qorti tiddeciedi l-kaz fil-meritu, izda mhux li xi hadd mill-partijiet jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti:-**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Taliana.**
2. **Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' Middlesea.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti[2].**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur saret riferenza ghat-tieni ecccezzjoni tal-konvenut Taliana, fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2012 li saret quddiem l-Assistant Gudizzjarju nghad li l-konvenut *"... mhux ser jinsisti, u jekk ikun il-kaz tigi rtirata formalment fis-seduta li jmiss"* (fol. 147).